MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-18 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 648/2014

**Raymond u Alex aħwa SAMMUT**

vs

**Alfred MALLIA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-24 ta' Lulju, 2014, li bih l-atturi għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li din il-Qorti (i) issib li l-imħarrek għandu

jħallashom is-somma ta’ erbatax-il elf, erba’ mija u tmienja u erbgħin euro u sitta u disgħin ċenteżmi (€14,448.96) flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq il-kapital u dan kif joħroġ minn kitba ta’ kostituzzjoni ta’ debitu li saret bejniethom fis-6 ta’ Novembru, 2013 (Dok “B”); u (ii) tikkundanna lill-imħarrek iħallashom l-imsemmija somma ta’ €14,448.96, rappreżentanti l-bilanċ li hu għad fadallu jħallashom. Talbu wkoll l-ispejjez u l-imsemmija mgħaxijiet;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tal-lum mill-konvenut li biha ammetta t-talbiet kif dedotti fir-Rikors Maħluf, wara li l-Qorti aċċertat ruħha li huwa fehem sewwa l-konsegwenza tal-istqarrija tiegħu;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut it-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw pruvati.

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeċiedi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-atturi kif dedotti fir-Rikors Maħluf bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b’seħħ mill-24 ta’ Lulju, 2014, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------